Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Marzu,2001

Avviz Nru: 47/00

Bank of Valletta p.l.c.

Vs

Dennis Sims u b'digriet tas-16 ta' Gunju 2000 gie mahtur bhala kuratur deputat Dr. Beppe Fenech Adami LL.D. biex jirrapprezenta lill-assenti Dennis Sims.

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmienja u disghin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm798.92) bilanc ghad-debitu fil- "Loan Account" ta' Dennis Sims mal-Bank of Valletta p.l.c.. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru 1999 (Dok "B") u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratur Dr. Beppe Fenech Adami fejn eccepixxa:

1. Illi huwa gie nominat bhala deputat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assent Dennis Sims.

2. Illi huwa mhuwiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

3. Illi huwa jirrizerva illi jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u

meta huwa jkun nghata informazzjoni ulterjuri dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi prodotti mill-atturi;

U ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza jikkonsistu esklusivament fid-deposizzjoni tal-PL Joseph Zammit rapprezentant tal-Bank attur kif ukoll id-dokumenti esebiti. Minn dawn il-provi jirrizulta sodisfacentement il-kreditu tal-atturi li ma giex ikkontestat mill-konvenut li ma giex rintraccat mill-kuratur deputat li kien qed jirrapprezentah nonostante d-diversi tentattivi.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' seba' mija tmienja u disghin lira u tnejn u disghin centezmi (Lm798.92c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg